# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 2018**

**Rik. Nru. 80/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 80/18 fl-ismijiet:

**APPLE CORE FOODS LIMITED (C – 55240)**

vs

Carmen magħrufa bħala Charmaine **SALIBA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Jannar, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-intimata milli "(A) tagħmel jew tgħid kwalunkwe ħaġa li permezz tagħha tista' tinduċi lil xi persuna milli tiddeżisti li tkompli tagħmel negozju mal-kumpannija rikorrenti bl-istess kundizzjonijiet preċedent jew għal kollox; tipprova tieħu mingħand il-kumpannija rikorrenti xi persuni, ditti u/jew kumpanniji li fid-data ta' terminazzjoni tal-impieg kienu jagħmlu negozju mal-kumpannija rikorrenti jew fil-perjodu ta' tnax-il xahar qabel it-terminazzjoni tal-impieg tal-intimata kienu

jagħmlu negozju mal-kumpannija rikorrenti jew kienu klijenti tal-kumpannija rikorrenti u li magħhom l-intimata kellha relazzjoni kummerċjali b'riżultat tal-impieg tagħha mal-kumpannija rikorrenti jew kienu klijenti tal-kumpannija rikorrenti fil-perjodu ta' tnax-il xahar qabel it-terminazzjoni tal-impieg tagħha mal-kumpannija rikorrenti; tagħmel kuntatt u/jew tidħol fi trattativi (*dealings*) ma' persuni, ditti u/jew kumpanniji li kienu klijenti, *customers*, fornituri, aġenti u/jew distributuri tal-kumpannija rikorrenti u li magħhom l-intimata kienet ingaġġjata jew involuta b'riżultat tal-impieg tagħha mal-kumpannija rikorrenti fil-perjodu ta' tnax-il xahar qabel it-terminazzjoni tal-impieg tagħha mal-kumpannija rikorrenti; u dan għal perjodu ta' sitt (xhur) li jibdew jiddekorru mill-14 ta' Novembru, 2017; (B) tuża jew tikxef, jew tittenta li tuża jew tikxef, bi kwalunkwe mod, kull informazzjoni sigrieta jew kunfidenzjali tal-kumpannija rikorrenti, inkluż kull "*business plan*", "*trade secret*" jew kull informazzjoni oħra relatata mal-kumpannija rikorrenti jew mal-klijenti tal-kumpannija rikorrenti, jew kull informazzjoni oħra relatata mal-kumpannija rikorrenti, jew kull informazzjoni relatata mal-prodotti, "*computer programs*", "*software*" u kull "*intellectual property*" in ġenerali; u dan għal żmien indefinit";

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2018, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat in-notifika lill-intimata b'għaxart ijiem għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-8 ta' Frar, 2018;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata fis-26 ta' Jannar, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi, filwaqt li ċaħdet li hija b'xi mod naqset mir-rabtiet li kellha taħt il-kuntratt tal-impieg ukoll wara li temmet l-impieg tagħha mal-kumpannija rikorrenti, qalet li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għll-ħruġ tal-Mandat mitlub. Saħqet ukoll li, sa żmien wara li temmet l-impieg, ma kinitx rat il-kuntratt tal-impieg tagħha u li dan ingħatalha wara li hija kienet laqgħet in-notifika ta' ittra uffiċjali mibgħuta lilha mill-kumpannija rikorrenti xi jiem wara temm l-impieg. Iżżid tgħid li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-Klawsola 14.2 tal-kuntratt tal-impieg tagħha – li jsejsu t-talbiet magħmulin mill-kumpannija rikorrenti f'din il-proċedura – ma jiswewx fil-liġi għaliex jikkostitwixxu restrizzjonijiet mhux mistħoqqa fuq il-kummerċ ħieles u tal-moviment ħieles tax-xogħol u tal-ħaddiema bi ksur tal-*public policy*, minbarra li jmorru lil hinn mill-obbligi tal-parametri fiduċjarji maħsuba fl-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili u jiksru l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

[1] Kap 379

Rat l-atti tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Frar, 2018, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li l-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "AFL") trid iżżomm lill-intimata milli tħajjar kull persuna li kienet klijent ta' AFL milli jibqa' parruċċan tal-istess kumpannija, jew milli tħajjar klijenti, ditti jew kumpanniji milli jibqgħu jinnegozjaw mal-istess kumpannija, jew milli tagħmel kuntatt magħhom f'dan is-sens; u kif ukoll milli tagħti jew tikxef jew tittanta li tagħti jew tikxef lil xi terza persuna kull tagħrif, sigriet kummerċjali jew tagħrif intellettwali proprjeta' tal-kumpannija ;

Tqis li AFL ingaġġat lill-intimata bħala *sales consultant* magħha f'Marzu tal-2012 b'kuntratt ta' mpieg indefinit, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra[2];

Tqis li fl-14 ta' Novembru, 2018, l-impieg tal-intimata minn ma' AFL intemm wara li fis-26 ta' Ottubru, 2017, hija tat lill-kumpannija l-avviż ta' temm l-impieg;

Tqis li fis-17 ta' Novembru, 2017[3], AFL bagħtet ittra uffiċjali lill-intimata li biha widdbitha biex tħares il-kundizzjonijiet li kellha fil-kuntratt tal-impieg tagħha, ukoll għaż-żmien ta' wara temm l-impieg, filwaqt li żammitha responsabbli għad-danni f'każ li tonqos li tagħmel hekk. Qaltilha wkoll li jirriżultalha li hija diġa' naqset minn dawn ir-rabtiet, u fid-dawl ta' dan żammitha responsabbli għad-danni;

Tqis li fl-4 ta' Diċembru, 2017, l-intimata bdiet taħdem mal- kumpannija PJ Sutters (Marketing) Limited li hija kumpannija li taħdem fl-istess suq ta' AFL;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat[4];

[2] Dok "A1", f'paġġ. 4 sa 12 tal-atti
[3] Dok "CS1", f'paġ. 22 tal-atti
[4] Art. 873(1) tal-Kap 12

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[5]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[6];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[7]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd mad-daqqa t'għajn li AFL issejjes fuqu t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li l-intimata ma tidħolx f'attivitajiet fl-impieg ġdid tagħha li bihom tipprova tħajjar klijenti ta'AFL milli jibqgħu jaħdmu ma' AFL, jew li tinqeda b'tagħrif sensittiv u kummerċjali ta' AFL biex bis-saħħa tiegħu tagħti lill-prinċipal ġdid tagħha vantaġġ fuq AFL;

Tqis li l-intimata tisħaq li hija ma wettqet l-ebda ħaġa bi ksur tar-rabtiet tagħha ma' AFL lanqas wara li temmet l-impieg tagħha ma' dik il-kumpannija;

---

[5] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[6] Art. 875(3) tal-Kap 12
[7] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Tqis li l-intimata tgħid ukoll li l-kumpannija li magħha issa daħlet taħdem u AFL huma operaturi fl-istess għamla ta' negozju u kompetituri ta' xulxin fl-istess suq u għadd ta' klijenti tal-waħda ilhom żmien klijenti tal-oħra wkoll u, f'xi żmien, kemm AFL u kemm PJ Sutters kienu ħaġa waħda, sakemm seħħet qasma bejniethom. L-istess intimata kienet diġa' għamlet żmien taħdem ma' PJ Sutters qabel daħlet taħdem ma' AFL;

Tqis li kull kwestjoni mqajma mill-intimata dwar is-siwi tal-kuntratt tal-impieg tagħha jew ta' xi klawsola minnu ma jinteressawx lill-Qorti f'din il-proċedura, u jmur lil hinn mill-istħarriġ li l-Qorti trid tagħmel biex tara jekk it-talba għall-ħruġ tal-Mandat hijiex mistħoqqa jew le;

Tqis li l-klawsola 10 tal-kuntratt tal-impieg li l-intimata kellha ma' AFL tistipula li l-impjegata kellha żżomm kunfidenzjali u ma turih lil ħadd ieħor kull tagħrif miktub, bil-fomm jew elettroniku li jikkostitwixxi sigriet tal-kummerċ, jew proprjeta' intellettwali ta' AFL jew ta' xi kumpannija assoċjata jew affiljata magħha. Din ir-rabta tibqa' sseħħ għal dejjem;

Tqis li l-klawsola 14.2 tal-imsemmi kuntratt tistipula, fost oħrajn, li sa żmien sitt (6) xhur minn dakinhar li jintemmilha l-impieg, l-intimata ma tagħmel xejn, kemm minn jeddha, jew bħala soċju jew aġent ta' ħaddieħor, li b'xi mod tipprova tħajjar lil xi persuna, ditta jew kumpannija li matul it-tnax-il xahar qabel dak it-temm tal-impieg kienet klijenta ta' AFL milli tibqa' klijenta tagħha[8], jew milli jkollha x'taqsam kummerċjalment ma' xi persuna, ditta jew kumpannija li matul it-tnax-il xahar qabel temm l-impieg tal-istess intimata, setgħet kienet klijent, provditur, aġent jew distributur ta' AFL. Din ir-rabta tibqa' sseħħ sa żmien sitt (6) xhur minn temm l-impieg;

Tqis li l-liġi tagħraf il-jedd ta' kumpannija li tħares l-interessi tagħha minn imġiba ta' impjegati tagħha li, kemm waqt u wkoll wara li jintemm l-impieg, tista' ġġib ħsara lill-kumpannija sewwasew minħabba t-tagħrif jew l-għarfien li l-impjegat ikun kiseb waqt iż-żmien tal-impieg tiegħu;

Tqis, madankollu, li dan il-jedd mhuwiex wieħed bla limiti u jista' jitħaddem biss f'ċirkostanzi partikolari[9], għal raġunijiet serji[10] u li s-sanzjoni tkun waħda raġonevoli u mhux irresponsabbli[11]. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt li kull restrizzjoni fuq is-setgħa li persuna tista' timpjega ruħha ma għandhiex tintlaqa' b'ħeffa;

[8] Klawsola 14.2(b) tal-kuntratt tal-impieg
[9] P.A. JSP **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Pisani noe vs Reuben Vella Bray*** (mhix pubblikata)
[10] App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Attilio Vassallo Cesareo et noe vs Anthony Ċilia Pisani***
[11] App. Ċiv. Inf. EG **27.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Buġeja et noe vs Mellyora Grech***

Tqis li AFL tisħaq li l-imsemmija żewġ kundizzjonijiet jiswew fil-liġi għaliex huma (i) raġonevoli, (ii) maħsuba għal żmien li jagħlaq u (iii) jirrigwardaw ċirku limitat ta' għemejjel jew persuni li għalihom jgħoddu;

Tqis li, għall-anqas fir-rigward ta' tagħrif kunfidenzjali, l-istess AFL titlob li l-Mandat jinħareġ għal żmien li ma jagħlaqx. Dan imur kontra wieħed mill-elementi mitluba mil-liġi msemmija minn AFL innifisha;

Tqis ukoll li AFL ma ressqitx prova li fil-kuntratt tal-impieg tal-intimata kien hemm xi klawsola li torbotha jew illi żżommha milli, għal xi żmien speċifikat, tista' tidħol f'xogħol li jixbah dak li kienet tagħmel magħha jew li timponi fuqha xi sanzjoni f'każ li jagħmel dan. Fin-nuqqas ta' klawsola bħal dik, il-jedd ta' AFL ma jibqax wieħed jidher mad-daqqa t'għajn. Ukoll jekk il-liġi Maltija tagħraf li kuntratt ta' mpieg ma hemmx għalfejn li bilfors ikun bil-miktub, sanzjoni bħalma hija din ma tistax titħalla fuq il-livell ta' presunzjoni u trid tkun ippruvata li teżisti u li l-partijiet ikunu qablu li tagħmel parti mir-rabta kuntrattwali ta' bejniethom;

Tqis li għalhekk AFL ma seħħilhiex turi li għandha jedd '*prima facie*' li jwassal għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

Tqis li, safejn jirrigwarda l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat, dan jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[12]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[13], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[14];

Tqis li f'dan ir-rigward ukoll dan l-element ma jirriżultax, ukoll li kieku kellu jintwera li Opal seħħilha turi l-jedd mad-daqqa t'għajn;

Tqis li l-effett ta' sanzjoni kontra impjegat li jinqeda b'tagħrif jew bi klijentela tal-prinċipal tiegħu u bi ħsara għalih hija waħda msejsa fuq id-dannu kuntrattwali minħabba ksur ta' kuntratt jew inadempiment. Il-konsegwenza ta' dan hija azzjoni ta' danni. Kemm hu hekk, il-biċċa l-kbira tal-klawsoli li jiddaħħlu f'kuntratti ta' mpieg li jimmiraw li jżommu impjegat milli jidħol f'kompetizzjoni mal-prinċipal tiegħu huma klawsoli penali ta' danni pre-

---

[12] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[13] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[14] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***

likwidati f'każ ta' ksur. L-istess AFL żammet lill-intimata responsabbli għad-danni fl-ittra uffiċjali li bagħtitilha wara li ntemm l-impieg;

Tqis li huwa miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għall-kumpens kwantifikabbli u l-ħlas tad-danni[15] meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skond il-liġi;

Tqis għalhekk li ma jirriżultax lanqas l-element tal-ħtieġa tal-Mandat mitlub;

Tqis li ladarba ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2018, safejn kienet laqgħet it-talba tal-kumpannija rikorrenti b'mod provviżorju; u

**Tordna** li l-kumpannija rikorrenti tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, is-16 ta' Frar, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

[15] Ara P.A. NC **11.3.2003** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali Kuntratti et***